VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 29 tal-2014

ATT DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA (KAP. 204)

Regolamenti tal-2014 dwar l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Ħatra ta' Awtorità Responsabbli biex timplimenta Strumenti Makroprudenzjali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) tal-artikolu 60 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Ministru għall-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 dwar l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Ħatra ta' Awtorità Responsabbli biex timplimenta Strumenti Makroprudenzjali).

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jimplimenta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, hawn aktar 'il quddiem imsejjħa "id-Direttiva" u d-disposizzjonijiet tar-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament".

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru, 2013.

Ħatra ta' awtorità responsabbli.

2. (1) Il-Ministru għall-Finanzi qiegħed permezz ta' dawn ir-regolamenti jaħtar lill-Bank Ċentrali ta' Malta bħala l-Awtorità Responsabbli għall-għanijiet tal-Artikolu 133(2) tad-Direttiva sabiex jiffissa r-riżerva għal riskju sistemiku u jidentifika s-settijiet ta' istituzzjonijiet li japplika għalihom u għall-għanijiet tal-Artikolu 136(1) tad-Direttiva sabiex jistabbilixxi r-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika għal Malta.

(2) Il-Ministru għall-Finanzi qiegħed permezz ta' dawn ir-regolamenti jaħtar lill-Bank Ċentrali ta' Malta, li ser jaġixxi b'mod konġunt mal-awtorità kompetenti, bħala l-Awtorità Responsabbli

VERŻJONI ELETTRONIKA

għall-għanijiet tal-Artikolu 131(1) tad-Direttiva sabiex tidentifika, fuq bażi kkonsolidata, l-istituzzjonijiet sistemikament importanti globali (G-SIIs), u, fuq bażi individwali subkonsolidata jew ikkonsolidata, kif applikabbli, istituzzjonijiet sistemikament importanti oħrajn (O-SIIs), li ġew awtorizzati f'Malta.

(3) Il-Ministru għall-Finanzi qiegħed permezz ta' dawn ir-regolamenti jaħtar lill-Bank Ċentrali ta' Malta bħala l-Awtorità Responsabbli għall-għanijiet tal-Artikolu 458(1) tar-Regolament sabiex jidentifika tibdil fl-intensità tar-riskju makroprudenzjali jew sistemiku fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u l-ekonomija reali f'Malta u li dik l-awtorità tqis li jkun aħjar li jiġu indirizzati permezz ta' miżuri nazzjonali aktar stretti, sabiex tfassal abbozz ta' miżuri nazzjonali għal istituzzjonijiet awtorizzati domestikament, jew sottogrupp ta' dawk l-istituzzjonijiet, maħsuba għall-mitigazzjoni tal-bidliet fl-intensità tar-riskju u dwar il-livell ta' fondi proprji stabbiliti fl-Artikolu 92 tar-Regolament, ir-rekwiżiti għal skoperturi kbar stabbiliti fl-Artikolu 392 u l-Artikoli 395 sa 403 tar-Regolament, ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni pubblika stabbiliti fl-Artikoli 431 sa 455 tar-Regolament, il-livell tar-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital imniżżla fl-Artikolu 129 tad-Direttiva, rekwiżiti ta' likwidità kif imniżżel fil-Parti Sitta tar-Regolament, piżijiet tar-riskju għall-individwar ta' bżieżaq spekulattivi ta' assi fis-settur tal-proprjetà residenzjali u kummerċjali, jew skoperturi fi ħdan is-settur finanzjarju, u sabiex ikun responsabbli għall-applikazzjoni tal-Artikolu 458 tar-Regolament.